# LECTIO DIVINA

# IT-TIELET ĦADD TAL-AVVENT (C)

## Lq 3,10-18

**« X’għandna nagħmlu »**

**<u>KUNTEST</u>:** Is-silta tiġi wara kliem iebes li bih Ġwanni jilqa’ lil dawk li kienu jmorru għandu biex jitgħammdu: [Lq:3:7] ***“In-nies kienu jmorru bi ħġarhom għand Ġwanni biex jgħammidhom, u huwa kien jgħidilhom: "Ja nisel il-lifgħat, min uriekom x'għandkom tagħmlu biex taħarbu l-korla li ġejja?”*** [Lq:3:9] ***Il-mannara ġa qiegħda ma' għerq is-siġra, u għalhekk kull siġra li ma tagħmilx frott tajjeb titqaċċat u tinxteħet fin-nar."***
Dawn il-kelmiet ta’ Ġwanni ma jidhrux bħala “Aħbar Tajba” marbuta ma’ Ħadd il-Ferħ (it-3 Ħadd tal-Avvent).
Ġwanni ser jurihom biċ-ċar x’iridu jagħmlu: [Lq:3:8] ***“Mela uru frott li jixraq lill-indiema, u toqogħdux tgħidu lilkom infuskom: 'Għandna b'missier lil Abraham,' għax ngħidilkom li Alla, minn dan l-istess ġebel, jista' jqajjem ulied lil Abraham.”*** Juża lingwaġġ li għall-mentalita’ tagħna jidher iebes u frattant dak li jrid jikkomunika huwa l-ferħ u t-tama.

[Lq:3:10] **In-nies kienu jistaqsuh u jgħidulu: "Mela x'għandna nagħmlu?"**
***«Mela x'għandna nagħmlu?’»:*** Hija misjuba diversi drabi f’Luqa (ara Atti 2,37; 16,30; 22,10). Juri d-disponibilità kbira ta’ min irid jilqa’ fih ir-Rieda t’Alla u jiddeċiedi jbiddel ħajtu, wara li jirrealizza li mhux miexi fit-triq it-tajba.
Is-smigħ huwa l-ewwel pass għall-konverżjoni.
It-tweġibiet mhumiex strettament “reliġjużi” (eż. ‘mur itlob’, ‘agħmel eżami tal-kuxjenza’ eċċ.) imma reviżjoni radikali mibnija fuq il-prinċipju etiku tal-imħabba lejn għajrna.

[Lq:3:11] **U huwa kien iweġibhom: "Min għandu żewġ ilbiesi, jaqsam ma' min ma għandu xejn, u min għandu x'jiekol jagħmel l-istess."**

Huwa mod ta' kif wieħed itejjeb ir-relazzjonijiet tiegħu mal-oħrajn : solidarjetà u kondiviżjoni… u jitlaq minn dak li huwa fattibbli.
It-talb jista' isir 'ħarba', biex wieħed ma jagħtix każ il-vera bżonnijiet tal-oħrajn u jaqsam ġidu magħhom.
Imbagħad mid-dixxipli tiegħu Ġesu' jitlob xi ħaġa iktar : *« Min jagħtik bil-ħarta fuq naħa waħda, dawwarlu wiċċek ħalli jagħtik fuq in-naħa l-oħra; min jeħodlok il-mantar, anqas il-libsa ma għandek tiċħadlu.»* **(Lq 6,29)**

[Lq:3:12] **Resqu wkoll xi pubblikanI biex jitgħammdu u qalulu: "Mgħallem, x'għandna nagħmlu aħna?"**
Huma dik il-kategorija ta' nies l-iżjed mibgħuda mill-poplu minħabba l-professjoni tagħhom: il-kollaboraturi mar-Rumani, tradituri, iħaxxnu bwiethom minn fuq dahar id-dgħajjef, ħalliela, esklużi mill-komunita' lhudija u mill-kult fit-tempju. Kienu meqjusa bħala midimbin pubbliċi.

[Lq:3:13] **U huwa weġibhom: "Tissikkaw lil ħadd biex jagħtikom taxxi iżjed milli jmisskom tieħdu."**
Lil dawn Ġwanni ma jitlobhomx ibiddlu x-xogħol imma biex ma jiprofittawx mill-fqir. Huwa faċli f'din il-pożizzjoni li wieħed jiġġustifika lilu nnifsu : *« Dan huwa xogħoli ».*

[Lq:3:14] **Staqsewh ukoll xi suldati u qalulu: "U aħna, x'għandna nagħmlu?" U huwa weġibhom: "Tisirqu lil ħadd bit-tehdid jew bil-qerq tagħkom, u kkuntentaw ruħkom bil-paga li għandkom."**
F'dak iż-żmien is-suldati ma kenux jitħallsu tajjeb *(Huwa dak li jiġi mogħti s-soldi 'Assoldato')* u allura kienu jużaw il-qawwa tagħhom biex japrofittaw mill-oħrajn, f' kull sens. Anke ma' din il-kategorija Ġwanni jidher 'tolleranti'. Il-Battista ma jitlobx penitenzi ħorox, bidla tax-xogħol, imma bidla tal-qalb. Ġesu' jidher iktar radikali : *« Imma jien ngħidilkom… : jekk xi ħadd jagħtik daqqa ta' ħarta fuq ħaddek tal-lemin, dawwarlu l-ieħor ukoll »* (Mt 5,39).

[Lq:3:15-16] **Il-poplu kien qiegħed jistenna ħerqan, u kulħadd kien jistaqsi lilu nnifsu dwar Ġwanni, jekk kienx hu l-Messija. Għalhekk Ġwanni qabad u qal lil kulħadd: "Jien, ngħid**

**għalija, ngħammidkom bl-ilma, imma ġej wieħed aqwa minni, li ma jistħoqqlix inħollu l-qfieli tal-qorq tiegħu. Hu jgħammidkom bl-Ispirtu s-Santu u n-nar.**

***« u kulħadd kien jistaqsi lilu nnifsu dwar Ġwanni, jekk kienx hu l-Messija » :*** Mid-domanda : « X 'irridu nagħmlu ? », issa huma jgħaddu għal mistoqsija oħra : « Imma MIN ser isalvana? » Ma nistax nindem u nikkonverti verament jekk ma nafx min hu dak li qed jitlobni nagħmel dan. Iċ-ċentralità issa tisposta ruħha fuq il-Messija. L-indiema vera u l-konverżjoni ma jeżistux jekk mhux f'rabta mal-persuna ta' Kristu.

***« ilma » :*** L-ilma jnaddaf imma anke jista' joqtol, jgħarraq. Għal dawk li kienu jinżlu fl-ilma, il-ġest kien ifisser xewqa/deċiżjoni għall-purifikazzjoni mit-tebgħa tad-dnub u mewt għall-ħajja ta' qabel. Imma din il-magħmudija kienet imperfetta  u mhux kompluta, għax l-ilma kien ifisser tindif estern u mhux interjuri.

***« Hu jgħammidkom bl-Ispirtu s-Santu u n-nar »*** : L-ilma ta' Ġesu' ma kienx ilma li jnaddaf minn barra, imma li jippenetra, jagħti l-ħajja u jitrasforma. Huwa ilma li f'min 'jixorbu' *« isir fih għajn ta' l-ilma li jwassal sal-ħajja ta' dejjem »* (Ġw 4,14). Huwa l-Ispirtu s-Santu, il-qawwa t'Alla li jbiddel il-bniedem il-qadim fi ħlejqa gdida.  Huwa l-milja tal-profeżija ta' Eżekjel : *« U nroxx fuqkom ilma safi, u tissaffew mit-tinġis kollu tagħkom; mill-idoli kollha tagħkom insaffikom. U nagħtikom qalb ġdida, u ruħ ġdida nqiegħed ġo fikom; u nneħħi minn ġisimkom il-qalb tal-ġebel u nagħtikom qalb tal-laħam flokha. U nqiegħed ruħi ġo fikom, u nagħmel li timxu skond il-kmandamenti tiegħi, u li żżommu l-preċetti tiegħi u tħarsuhom. »* (Ezek 36, 25-27).

[Lq:3:17] **Il-midra qiegħda f'idu, biex iderri l-qiegħa u jiġbor  il-qamħ fil-maħżen tiegħu, imma t-tiben jaħarqu b'nar li ma jintefiex."**

***« b'nar li ma jintefiex » :*** *«Nar ġejt inqiegħed fuq l-art, u kemm nixtieq li diġà qabad!»* (Lq 12,49). Mhuwiex in-nar preparat biex permezz tiegħu jikkastiga l-midimbin li ma jindmux, imma huwa l-Ispirtu li jġedded il-wiċċ tal-art (ara Salm 104,30), li jinżel mis-sema fil-Pentekoste (Atti 2,3) u li jgħaqqad lill-bnedmin f'ilsien wieħed, dak tal-imħabba. Huwa l-Imħabba t'Alla. Huwa dan in-nar li jippurifika d-dinja minn kull ħażen, li jeqred kull 'tibna', dak kollu li qed itellifna fir-relazzjoni tagħna ma' Kristu, u li jwassalna nagħtu ġudizzji fuq l-oħrajn u ma nħarsux lejhom b'għajnejn ċari u sempliċi (ara Lq 6, 41-13).

***« b'nar li ma jintefiex »*** : Din il-purifikazzjoni hija kontinwa. Ma hawnx riferenza għall-kastig t'Alla, imma biss għall-miġja tal-Ispirtu s-Santu u għan-nar li ser jeqred it-tiben.

[Lq:3:18] **U b'ħafna twissijiet oħra kien ixandar lill-poplu  l-bxara t-tajba.**

***« twissijiet »*** : It-tradizzjoni hija pjuttost fil-pożittiv: (*parakaleo)* toqrob lejn il-kelma 'faraġ/kliem ta' konsolazzjoni'. Għal Luqa il-messaġġ tal-Battista huwa Aħbar Tajba, tkomplija mal-ħsieb tal-profeta Iżaija li huwa jikkwota (il-ktieb tal-konsolazzjonijiet Is 40-55).

**Għar-Riflessjoni**

1. Il-Konverżjoni tfisser li tagħmel bidla **konkreta** f'ħajtek.
2. It-tliet *areas* ta' konverżjoni (fis-silta) huma:

- **il-kondiviżjoni** – v.11: (li ma tarax il-bżonnijiet tiegħek biss, imma li tara dawk tal-oħrajn u taqsam magħhom);
- **li tneħħi kull pretensjoni** – v.13: (li ma tistenniex mill-oħrajn dak li huma ma jistgħux jagħtuk, li ma tistenniex mill-oħrajn l-imħabba, il-ħin, l-affett, l-attenzjoni bħallikieku huma qegħdin għas-servizz tiegħek);
- **li ma taprofittax u ma tkunx vjolenti** v.14: (li ma turix vjolenza bl-indifferenza, bis-silenzji u bin-nuqqas ta' interess).

3. Jekk il-konverżjoni ma twassalx biex ikolli rabta ikbar ma' Kristu dan ifisser li mhijiex vera konverżjoni, altrimenti tkun affermazzjoni tal-*ego*.
4. Minn xiex irridu jeħlisni l-Mulej? (It-tiben li jinħaraq). Nitolbu lill-Ispirtu s-Santu biex jgħinni nagħraf u jneħħi fija kull biża' f'li neqred dak kollu li qed jeqred aspetti mill-ħajta tiegħi.